**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 6 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 157/18 AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-esponenti zzewwgu nhar id-disgha (9) ta' Jannar, tas-sena elfejn u tmienja (2008), gewwa r-Registru, l-Belt, certifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok 'A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia, datat 18 ta'

Jannar, tas-sena elfejn u tmintax (2018), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok ‘B’;

Illi miz-zwieg ta’ bejn il-partijiet ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* mis-sena elfejn u tnax (2012);

Illi l-kriterju rikjest skont l-Artikolu 66 B (a) ghandu jirrizulta sodisfatt;

Illi ebda manteniment ma hu dovut bejn il-partiijiet kif jirrizulta minn paragrafu numerat numru tlieta (3), pagna numru tnejn (2) tal-Att ta’ separazzjoni (vide Dok. ‘B’);

Illi inoltre ma tesizti ebda possibilita` ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-żwieġ ta’ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ April, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-18 ta’ Jannar 2018 u ilhom de facto separati mis-sena 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.